MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru. 674/2005

**Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Tania Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Tania Vella ta' 23 sena, bint Raphael u Rita nee' Camilleri, imwielda il-Pieta fl-14 ta' Settembru, 1981 u residenti f'Miriam House, New Street, Paola u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 516981(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

F'Awissu 2004, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn LM1,000.00 ghad-dannu tal-APS Bank Ltd, HSBC Bank Malta plc, u diversi persuni u azjendi ohra (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropjat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna jew persuni ohra, is-somma ta' aktar minn LM1,000.00 ghad-dannu tal-APS Bank Ltd, HSBC Bank Malta plc, u diversi persuni u azzjendi ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, kif ukoll talli xjentament ghamlet uzu minnhom; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew

skrittura falza; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, maghmul jew moghti, minn ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat; kif ukoll talli xjentqament ghamlet uzu minn falsifikazzjoni li saru minn xi persuna / i li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz ta’ awtorita; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

6. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamlet uzu minn skrittura privata iffalsifikata li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 187(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

7. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta’ Mejju 2007 (esebita a fol. 144 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 167, 169, 183, 184, 186,187, 189, 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tal-12 ta' Novembru 2007, l-imputata Tania Vella ddikjarat li hija m' ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Rat li fl-udjenza tat-12 ta' Novembru 2009 l-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-ewwel(1) akkuza inghatat bhala alternattiva ghat-tieni(2) akkuza u li l-akkuzi l-ohra, cioe' t-tielet(3), ir-raba'(4), s-sitt(6) u s-seba'(7) akkuzi inghataw bhala alternattiva ghall-hames(5) akkuza.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2009 ghat-tieni(2) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghat-tieni(2) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tat-tieni(2) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fendina penali netta u c-cirkostanzi partikolari li nstabet fihom l-imputata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-14 ta' Mejju 2007 u senjatament fl-Artikoli 18, 293, 310 u 186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tat-tieni(2) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti taghha, kif minnha ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

Stante li t-tieni(2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza u t-tielet(3), r-raba’(4), is-sitt(6) u s-seba’(7) akkuza inghataw bhala alternattiva ghall-hames(5) akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------